MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2009

Numru 492/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**
**SPETTUR MARIO TONNA**
**VS**
**MARTIN CACHIA**
**JOSEPH MARY DIFESA**
**NAZZARENO BUHAGIAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Martin Cachia, ta’ 41 sena, iben Michael u Josephine nee’ Aquilina mwieled 29 ta’ Marzu 1959, Pieta’, residenti Casa Martina 238 Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 235859(M). Joseph Mary Difesa ta’ 49 sena, iben Joseph (mejjet) u Maria nee’ Farrugia, imwieled nhar il-21 ta’ Settembru 1951, Valletta, residenti “Villa Difesa”, Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghak u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 723051(M). Nazzareno Buhagiar ta’ 29 sena, iben

Joseph u Vincenza nee' Baldacchino, imwieled Pieta' fit-13 ta' Ottubru 1970, residenti "Freddyhelly", Flat 2, Notabile Road, B'Kara u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 442470(M).

Illi huma akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fil-4 ta' Marzu 2001, gewwa l-Belt Valletta u l-Floriana u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer;

1) Xjentement qieghedu fic-cirkolazzjoni, bieghhlu jew zammu ghall-bejgh, jew importaw ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebhin b'qerq u cioe diversi CDs tal-muzika u films u kif ukoll CDs tal-loghob tal-*Playstation* u dan bi ksur ta' Artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor ipproducew jew ikkopjaw jew bieghhlu, qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex iqassmu xi artiklu jew xi haga ohra u cioe diversi CDs bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u cioe t-Twentieth Century Fox Film Corporation, u socjetajiet ohra, li taghhom Dr. Patrick Galea LL.D. huwa rappresentant u kif ukoll CDs tal-loghob tal-*Playstation* li taghhom Forestals (Appliances) Ltd hija rappresentant, protetti bil-Ligi jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi Martin Cachia akkuzat wahdu talli hu ricediv b'sentenza tas-6 ta' Jannar 1998 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Illi Joseph Mary Difesa akkuzat wahdu talli huwa ricediv b'sentenza datata 12 ta' Gunju 1998 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Illi Nazzareno Buhagiar akkuzat wahdu talli hu ricediv b'sentenza nhar is-26 ta' Jannar 1998 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u kif ukoll kiser perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar is-26 ta' Jannar 1998 mill-

Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza hija definittiva u li ma tistax tinbidel.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati ghall-akkuzi dedotti kontra taghhom;

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuzi dedotti kontra taghhom u wara li rat l-Artikolu 298(1)(f), 298B(1), 49, 50, 28A sa 28H tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Martin Cachia ihallas multa ta' erbat elef euro (€4,000), tikkundanna lill-imputat Joseph Mary Difesa ihallas multa ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500) u tikkundanna lil Nazzareno Buhagiar ihallas multa ta' hames mitt euro (€500).

In oltre', b'referenza ghall-ahhar akkuza fil-konfront biss ta' Nazzareno Buhagiar, il-Qorti qeghdha testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza fil-konfront tieghu,

datata 26 ta’ Jannar 1998 ghal sentejn ohra mid-data tal-lum.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fejn jidher evidenti illi l-imputati John Mary Difesa u Nazzareno Buhagiar biddlu l-generu tax-xoghol taghhom addirittura u llum il-gurnata qeghdin jahdmu xoghol konformi mal-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------